QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

IMĦALLFIN

S.T.O. PRIM IMĦALLEF DR MARK CHETCUTI LL.D.

ONOR. IMĦALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.

ONOR. IMĦALLEF DR GIOVANNI GRIXTI LL.D.

Illum l-Erbgħa 04 ta' Ottubru 2023

**Att ta` l-Akkuża Nru. 20/2021**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Davide Bonanno**

**Il-Qorti :**

**1.** Rat l-Att tal-Akkuża mressaq quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fit-22 ta' Diċembru 2021, kontra Davide Bonnano, li bis-saħħa tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkużah:

**L-EWWEL (1) KAP Assoċjazzjoni għall-Bejgħ u Traffikar ta' Cannabis**

**Il-fatti**: Illi nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat ta' qabel din id-data, Davide Bonanno (minn hawn 'il quddiem f'dan l-Att ta' Akkuża msejjaħ "l-akkużat") iddeċieda illi jibda jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra sabiex jbiegħ jew jittraffika

mediċina (pjanta tal-Cannabis Grass kollha jew biċċa minnha) ġewwa l-Gżejjer Maltin;

Illi l-akkużat Davide Bonanno, ta' nazzjonalita' Taljana, kien jgħix u jaħdem Malta. Fiż-żmien li fih l-akkużat kien hawn Malta huwa ntebaħ li d-droga ġġib prezz tajjeb ħafna f'Malta, u għalhekk huwa ddeċieda li jibda negozju llegali li jħalli ferm aktar qliegħ mill-impjieg leġittimu tiegħu, u ċioe' negozju ta' bejgħ u traffikar ta' droga Cannabis għal ġewwa Malta. Matul l-investigazzjonijiet tal-Pulizija mmexxija mill-Ispettur Jonathan Cassar fit-2 ta' Ottubru 2018 irriżulta illi żewġ individwi ta' nazzjonalita' Taljana Danilo D'Agristina u Salvatore L'Episcopo kienu involontarjament (stante illi ma kienux konsapevoli tal-kontenut illeċitu tal-merkanzija) għenu lill-akkużat sabiex tiddaħħal merkanzija ġewwa garaxx sitwat f'Tas-Sliema, f'liema merkanzija li kellha s-sura ta' pallet mgeżwra bi plastic iswed irriżulta li kien hemm id-droga Cannabis;

Illi kif se jiġi spjegat, in eżekuzzjoni ta' dan il-pjan, l-akkużat assoċja ruħu ma' terzi persuni injoti sabiex ibiegħ u jittraffika d-droga Cannabis Grass, kollha jew biċċa minnha, u dan billi daħal fi ftiehem ma' terzi fejn permezz tiegħu assigura li d-droga Cannabis li kienet provenjenti minn Sqallija, tiġi mgeżwra b'tape iswed u tiġi indirizzata lil ċertu 'Giovanni Musumeci' bl-indirizz 'Triq Matthew Pulis, 24, Tas-Sliema Malta' u indikata bħala 'Merce Alimentare'. Din id-droga mgeżwra kienet permezz ta' dan il-ftiehem intiża li tkun ġewwa Trailer sabiex mal-wasla tagħha f'Malta minn Sqallija tintbgħat mill-lokalita' tas-Siggiewi għal Tas-Sliema, f'liema destinazzjoni l-akkużat kien qiegħed jistenna d-droga u eventwalment iffirma għall-merkanzija malli din waslet;

Illi b'mod tempestiv, il-Pulizija ta' Malta irċiviet informazzjoni li ġewwa Trailer bin-numru 1057, li kien proprjeta' tas-soċjeta' kummerċjali 'Agritrans Logistics Ltd' (li tispeċjalizza fi trasport) ġewwa Triq S. Borg Olivier, Siġġiewi kien hemm merkanzija li kienet tikkontjeni sustanza suspettata droga. Għaldaqstant, il-Pulizija rrikorriet fuq il-post fejn tkellmet mad-direttur tal-kumpanija tat-trasport Anthony Schembri u ġie kkonfermat li l-merkanzija in kwistjoni li kienet 'pallet' imgeżwer b'tape iswed indirizzat lil ċertu Musumeci Giovanni, Triq Matthew Pulis, 24, Tas-Sliema, Malta u indikat bħala 'Merce Alimentare' (jiġifieri merkanzija tal-prodotti tal-ikel) kienet effetivament tikkontjeni droga. Kien għalhekk li l-Pulizija kisbet l-awtorizzazzjoni mingħand il-Maġistrat tal-Għassa sabiex issir konsenja kontrollata tal-imsemmi pallet, liema talba ġiet milqugħa bil-preżenza tal-Pulizija. Id-Direttur tal-kumpanija Agritrans Logistics Ltd jispjega kif beda jirċievi telefonati fejn beda jintalab li tali pakkett jiġi konsenjat mill-aktar fis possibbli u għaldaqstant, Uffiċjal tal-Pulizija PC 1494 Andre' Grech rikeb mas-sid tal-vann li kien sejjer fid-direzzjoni ta' Triq Matthew Pulis, Sliema fejn fuq il-lant deher persuna liebes flokk aħmar iwaqqaf l-imsemmi vann, liema persuna irriżulta li kien l-akkużat, Davide Bonanno. Mill-provi prodotti jirriżulta illi l-akkużat kien l-istess persuna illi għamel l-ordni tal-merkanzija, li ffirma fuq l-istess

merkanzija meta din waslet u li b'hekk ikkonferma li hu kien is-sid tal-merkanzija in kwistjoni.

Illi sussegwentement wara ġie stabbilit li din il-konsenja kontrollata kienet tikkonsisti f'madwar ħamsa u għoxrin (25) kilogrammi tas-sustanza 'Cannabis Grass'. Wara tfittxija li saret fuq il-persuna tal-akkużat, ġew elevati mobile phone u riċevuta tal-konsenja u dan wara li l-akkużat iffirma fuq l-merkanzija li kienet waslet fuq il-lant ċioe' fi Triq Matthew Pulis, Tas-Sliema. Jirriżulta illi l-akkużat kien qiegħed appożitament jistenna l-miġja tal-merkanzija, ossia tad-droga in kwistjoni, tant illi malli din waslet, l-akkużat iffirma fuq ir-riċevuta tal-konsenja. Għal dan il-għan, kienu saru diversi telefonati mad-Direttur tal-kumpanija Agritrans Logistic Limited sabiex din il-merkanzija tiġi konsenjata mill-aktar fis possibbli. Inoltre, mid-data estratta mit-telefon ċellulari tal-akkużat Davide Bonanno ġie kkonfermat illi l-istess akkużat assoċja ruħu ma' terzi persuni sabiex il-pallet kontenenti d-droga Cannabis Grass provenjenti minn Sqallija, l-Italja tiġi ttrafikata hawn Malta u dan bix-xjenza proprja tal-istess akkużat illi ordna l-merkanzija, stenna l-miġja tagħha fuq il-post, għaraf u waqqaf il-vann li minnha kienet qed issir il-controlled delivery u li fiha kien hemm il-merkanzija u finalment iffirma r-riċevuta tal-istess merkanzija;

Illi minn stħarriġ li sar mill-espert forensiku nominat mill-Maġistrat Inkwirenti irriżulta illi s-sustanza suspettata droga li kienet ġiet misjuba fil-preżenza tal-akkużat mill-Pulizija u Uffiċjali oħra kienet tikkonsisti fid-droga "Cannabis Grass", u ċioe' l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, f'ammont nett totali ta' 25 kilogramm b'purita' ta' ċirka 7%;

Illi l-prezz li din id-droga ġġib fis-suq Malti skont in-National Report on the Drug Situation in Malta 2017 huwa ta' bejn ċirka mitejn u ħamsin elf Ewro (€250,000) u seba' mitt elf Ewro (€700,000).

Illi d-droga Cannabis hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101, tal-Liġijiet ta' Malta.

**Il-konsegwenzi**: Illi b'għemilu, l-akkużat Davide Bonnano sar ħati talli nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat ta' qabel din id-data, assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex jbiegħ jew jittraffika mediċina (pjanta tal-Cannabis Grass kollha jew biċċa minnha) kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew ffinanzja din l-assoċjazzjoni;

**L-akkuża**: Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti, ċirkostanzi, lok u żminijiet aktar il-fuq imsemmija f'dan l-att t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi Davide Bonnano, ħati talli nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat ta' qabel din id-data, assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew ittraffika f'dawn il-Gzejjer mediċina (pjanta tal-Cannabis Grass kollha jew biċċa minnha) kontra d-

disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni. Il-piena mitluba :

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Davide Bonnano, u li jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf erba' mija tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67), u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d)(e), 9, 10(1), 12, 15A, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939) kif sussegwentement emendati, u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 talLiġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkużat.

**IT-TIENI (2) KAP Importazzjoni ta' Cannabis Grass**

**Il-fatti** : Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmi fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att ta'Akkuża, u ċioe' nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat ta' qabel din id-data, l-akkużat Davide Bonanno, importa klandestinament jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tiġi importata mediċina perikoluża (Cannabis Grass) f'Malta;

Illi, fil-fatt, in eżekuzzjoni ta' dan il-pjan, l-akkużat assigura li d-droga Cannabis tiġi importata minn Sqallija, fl-Italja ġewwa l-gżejjer Maltin u li din tiġi mgeżwra bi plastic iswed b'karta mwaħħla bl-isem ta' 'Giovanni Musumeci Malta'. Din id-droga kellha tinġieb minn Sqallija għal ġewwa Malta mis-soċjeta' tal-ġarr tal-merkanzija Agritrans Logistics Limited, li, mingħajr ma kienet taf li kienet droga, niżżlet il-merkanzija ta' l-akkużat Davide Bonanno minn Sqallija għal ġewwa l-garaxx tagħha fi Triq S. Borg Olivier, is-Siġġiewi, ġewwa Trailer bin-numru 1057, sabiex imbagħad tiġi debitament konsenjata lill-istess Davide Bonanno fl-indirizz indikat minnu ġewwa Tas-Sliema. Kien għalhekk illi l-akkużat wara li ddeċieda li jimporta klandestinament jew ġiegħel li tiġi importata d-droga Cannabis Grass f'Malta, assigura li din il-merkanzija importata f'Malta minn Sqallija tiġi konsenjata fl-indirizz Triq Mattew Pulis, Tas-Sliema, Malta, f'liema destinazzjoni huwa kien qiegħed jistenna din id-droga;

Illi l-Pulizija ta' Malta kellha informazzjoni li ġewwa Trailer bin-numru 1057, proprjeta' ta' 'Agritrans Logistics Ltd' ġewwa Triq S. Borg Olivier, Siġġiewi kien hemm merkanzija li kienet tikkontjeni sustanza suspettata droga. Jirriżulta illi din id-droga kienet provenjenti minn Catania, Sqallija, u tniżżlet Malta mill-kumpanija tat-trasport imsemmija. Jirriżulta wkoll li din id-droga kienet ġiet

importata ġewwa Malta fid-29 ta' Settembru 2018, voldieri jumejn biss qabel il-ġurnata li fiha ġiet eżegwita l-konsenja kontrollata tad-droga in kwistjoni. Kien għalhekk li l-Pulizija rrikorriet fuq il-post fejn tkellmet mad-Direttur tal-kumpanija u ġie kkonfermat li l-merkanzija in kwistjoni li kienet 'pallet' imgeżwer b'tape iswed indirizzat lil ċertu Musumeci Giovanni, Triq Matthew Pulis, 24, Tas-Sliema, Malta u indikat bħala 'Merce Alimentare' (jiġifieri merkanzija tal-prodotti tal-ikel) kienet effetivament tikkontjeni droga, liema merkanzija kienet ġiet iffirmata mill-akkużat;

Illi għaldaqstant, il-Pulizija kisbet l-awtoriżżazzjoni mingħand il-Maġistrat tal-Għassa sabiex issir konsenja kontrollata tal-imsemmi pallet, liema talba ġiet milqugħa bil-preżenza tal-Pulizija. Id-Direttur tal-kumpanija beda jirċievi telefonati fejn beda jintalab li tali pakkett jiġi konsenjat mill-aktar fis possibbli u għaldaqstant, Uffiċjal tal-Pulizija PC 1494 Andre' Grech rikeb mas-sid tal-vann li kien miexi fid-direzzjoni ta' Triq Matthew Pulis, Sliema fejn fuq il-lant deher persuna liebes flokk aħmar iwaqqaf l-imsemmi vann, liema persuna irriżulta li kien l-akkużat, Davide Bonanno. Ġie stabbilit li din il-konsenja kontrollata kienet tikkonsisti f'madwar ħamsa u għoxrin (25) kilogrammi tas-sustanza 'Cannabis Grass'. Wara tfittxija li saret fuq il-persuna tal-akkużat, ġew elevati mobile phone żgħir iswed u riċevuta tal-konsenja;

Illi minn stħarriġ li sar mill-espert forensiku nominat mill-Maġistrat Inkwirenti irriżulta illi s-sustanza suspettata droga li kienet ġiet misjuba fil-preżenza tal-akkużat mill-Pulizija u Uffiċjali oħra kienet tikkonsisti fid-droga "Cannabis Grass", u ċioe' l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, f'ammont nett totali ta' 25 kilogramm b'purita' ta' ċirka 7%;

Illi l-prezz li din id-droga ġġib fis-suq Malti skont in-National Report on the Drug Situation in Malta 2017 huwa ta' bejn ċirka mitejn u ħamsin elf Ewro (€250,000) u seba' mitt elf Ewro (€700,000);

Illi d-droga cannabis hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-akkużat Davide Bonanno ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluża.

**Il-konsegwenzi** : Illi b'għemilu, l-akkużat Davide Bonanno sar ħati talli nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat ta' qabel din id-data, importa jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi mportata medicina perikoluza (il-pjanta Cannabis Grass kollha jew bicca minnha) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan meta ma kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

**L-akkuża**: Ghaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi akkużat Davide Bonnano, ħati talli ta' nhar l-ewwel (1)

ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat ta' qabel din id-data, importa jew ġiegħel li tigi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tigi mportata mediċina perikoluża (il-pjanta Cannabis Grass kollha jew biċċa minnha) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan meta ma kellux liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

**Il-piena mitluba**: Konsegwentement l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Davide Bonanno, u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf erba' mija tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) kull wieħed, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d)(e), 9, 10(1), 12, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939), u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**IT-TIELET (3) KAP Pussess aggravat tad-droga Cannabis**

**Il-fatti** : Illi nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018), l-akkużat Davide Bonanno kien fil-pussess ta' xejn anqas minn ħamsa u għoxrin (25) kilogramm tad-droga Cannabis Grass, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu s-sustanza perikoluża Cannabis Grass;

Illi, fil-fatt, in eżekuzzjoni ta' dan il-pjan, l-akkużat assigura li jiġi f'pussess ta ħamsa u għoxrin (25) kilogramm tad-droga Cannabis Grass u dan mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu s-sustanza perikoluża Cannabis u dan f'ċirkostanzi li kienu jindikaw illi d-droga kienet intiża biex tiġi traffikata hawn Malta. Għal dan il-għan l-akkużat, fiż-żmien imsemmi fil-Kapi preċedenti ta' din l-Att ta' Akkuża, u ċioe' nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u/jew fil-ġimgħat ta' qabel din iddata, assigura li d-droga in kwistjoni tiġi importata minn Sqallija, fl-Italja ġewwa l-gżejjer Maltin u assoċja ruħu ma' terzi persuni oħra sabiex d-droga tiġi mgeżwra bi plastic iswed b'karta mwaħħla bl-isem ta' 'Giovanni Musumeci Malta', liema droga mgeżwra kellha tkun mal-wasla tagħha f'Malta, mibgħuta fid-direzzjoni ta' garaxx fi Triq S. Borg Olivier, is-Siġġiewi ġewwa Trailer bin-numru 1057, proprjeta' tas-soċjeta' kummerċjali Agritrans Logistics Limited. Illi din id-droga kienet se tiġi konsenjata fl-indirizz Triq Mattew Pulis, Tas-Sliema, Malta, f'liema destinazzjoni l-akkużat stenna din id-droga u ġie fil-pussess tagħha;

Illi l-Pulizija ta' Malta kellha informazzjoni li ġewwa Trailer bin-numru 1057, proprjeta' ta' 'Agritrans Logistics Ltd' ġewwa Triq S. Borg Olivier, Siġġiewi kien hemm merkanzija li kienet tikkontjeni sustanza suspettata droga. Jirriżulta illi din id-droga kienet provenjenti minn Catania, Sqallija, u tniżżlet Malta mill-kumpanija tat-trasport imsemmija. Jirriżulta wkoll li l-akkużat Davide Bonanno ġie fil-pussess tad-droga Cannabis Grass nhar l-1 ta' Ottubru 2018, ċioe fil-jum tal-konsenja kontrollata tad-droga in kwistjoni;

Illi kien għalhekk li l-Pulizija rrikorriet fuq il-post fejn tkellmet mad-Direttur tal-kumpanija u ġie kkonfermat li l-merkanzija in kwistjoni li kienet 'pallet' imgeżwer b'tape iswed indirizzat lil ċertu Musumeci Giovanni, Triq Matthew Pulis, 24, Tas-Sliema, Malta u indikat bħala 'Merce Alimentare' (jiġifieri merkanzija tal-prodotti tal-ikel) kienet effetivament tikkontjeni droga, liema merkanzija kienet ġiet iffirmata mill-akkużat. Għaldaqstant, il-Pulizija kisbet l-awtorizzazzjoni mingħand il-Maġistrat tal-Għassa sabiex issir konsenja kontrollata tal-imsemmi pallet, liema talba ġiet milqugħa bil-preżenza tal-Pulizija. Id-Direttur tal-kumpanija Agritrans Logistics Ltd jispjega kif beda jirċievi telefonati fejn beda jintalab li tali pakkett jiġi konsenjat mill-aktar fis possibbli u għaldaqstant, Uffiċjal tal-Pulizija PC 1494 Andre' Grech rikeb mas-sid tal-vann li kien sejjer fid-direzzjoni ta' Triq Matthew Pulis, Sliema fejn fuq il-lant deher persuna liebes flokk aħmar iwaqqaf l-imsemmi vann, liema persuna irriżulta li kien l-akkużat, Davide Bonanno. Mill-provi prodotti jirriżulta illi l-akkużat kien l-istess persuna illi għamel l-ordni tal-merkanzija, li ffirma fuq l-istess merkanzija meta din waslet u li b'hekk ikkonferma li hu kien is-sid tal-merkanzija in kwistjoni;

Illi sussegwentement wara ġie stabbilit li din il-konsenja kontrollata kienet tikkonsisti f'madwar ħamsa u għoxrin (25) kilogrammi tas-sustanza 'Cannabis Grass'. Wara tfittxija li saret fuq il-persuna tal-akkużat, ġew elevati mobile phone u riċevuta tal-konsenja u dan wara li l-akkużat iffirma fuq l-merkanzija li kienet waslet fuq il-lant ċioe' fi Triq Matthew Pulis, Tas-Sliema. Jirriżulta illi l-akkużat kien qiegħed appożitament jistenna l-miġja tal-merkanzija, ossia tad-droga in kwistjoni, tant illi malli din waslet, l-akkużat iffirma fuq ir-riċevuta tal-konsenja. Għal dan il-għan, kienu saru diversi telefonati mad-Direttur tal-kumpanija Agritrans Logistic Limited sabiex din il-merkanzija tiġi konsenjata mill-aktar fis possibbli u b'hekk l-akkużat jiġi fil-pussess tas-sustanza perikoluża Cannabis Grass mingħajr awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Liġi. Inoltre, mid-data estratta mit-telefon ċellulari tal-akkużat Davide Bonanno ġie kkonfermat illi l-istess akkużat assoċja ruħu ma' terzi persuni sabiex il-pallet kontenenti d-droga Cannabis Grass provenjenti minn Sqallija, l-Italja tiġi fil-pussess tal-akkużat f'ċirkostanzi li juru li din ma kinitx għall-użu esklussiv tal-akkużat u dan bix-xjenza proprja tiegħu illi ordna l-merkanzija, stenna l-miġja tagħha fuq il-post, għaraf u waqqaf il-vann li minnha kienet qed issir il-controlled delivery u li fiha kien hemm il-merkanzija u finalment iffirma r-riċevuta tal-istess merkanzija;

Illi minn stħarriġ li sar mill-espert forensiku nominat mill-Maġistrat Inkwirenti irriżulta illi s-sustanza suspettata droga li kienet ġiet misjuba fil-preżenza tal-akkużat mill-Pulizija u Uffiċjali oħra kienet tikkonsisti fid-droga "Cannabis Grass", u ċioe' l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, f'ammont nett totali ta' 25 kilogramm b'purita' ta' ċirka 7%;

Illi l-prezz li din id-droga ggib fis-suq Malti skont in-National Report on the Drug Situation in Malta 2017 huwa ta' bejn ċirka mitejn u ħamsin elf Ewro (€250,000) u seba' mitt elf Ewro (€700,000);

Illi din is-sustanza perikoluża ma kenitx intiża għall-użu personali tal-akkużat, iżda kif spjegat fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata hawn Malta. Minbarra li l-ammont ta' droga involuta u ċ-ċirkostanzi li fihom instabet ċertament li ma jindikawx li d-droga in kwistjoni kienet fil-pussess tal-akkużat għall-użu esklussiv u personali tiegħu, l-akkużat b'għemilu stess u b'scientia propria kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ jindikaw li din id-droga kienet intiża biex tiġi traffikata hawn Malta;

Illi d-droga Cannabis hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-akkużat Davide Bonanno ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluża.

**Il-konsegwenzi**: Illi b'għemilu, l-akkużat Davide Bonanno sar ħati talli nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018), kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi kif sussegwentement emendati jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tasSaħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet din id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

**L-akkuża**: Ghaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi Davide Bonanno ħati talli fil-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018), kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond iddisposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija

mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi kif sussegwentement emendati jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet din id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

**Il-piena mitluba**: Konsegwentement l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Davide Bonanno, u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf erba' mija tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) kull wieħed, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d)(e), 9, 10(1), 12, 15A, 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikoluzi (Avviż Legali 292/1939) kif sussegwentement emendati, u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**2.** Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fil-21 ta' April 2023 li bis-sahha taghha wara li dik il-Qorti rat il-verdett tal-gurati ta' dak in-nhar stess li bih b'sitt (6) voti favur u tlieta (3) kontra sabu lill-akkużat Davide Bonnano ħati tal-ewwel u it-tielet Kapi tal-Att ta'l-Akkuża u ċioe' ħati:

1. Talli nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat ta' qabel din id-data, assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex jbiegħ jew jittraffika mediċina (pjanta tal-Cannabis Grass kollha jew biċċa minnha) kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew ffinanzja din l-assoċjazzjoni; u

2. Talli nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018), kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtoriżżat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi kif sussegwentement emendati jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li

> jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet din id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

U wara li rat l-imsemmi verdett tal-ġurat li b'sitt (6) voti favur u tlieta (3) kontra sabuh mhux ħati tat-tieni Kap tal-Att ta'l-Akkuża sabiex b'hekk il-Qorti Kriminali, ddikjarat lill-imsemmi Davide BONANNO mhux ħati talli nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat ta' qabel din id-data, importa jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi mportata medicina perikoluza (il-pjanta Cannabis Grass kollha jew biċċa minnha) f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan meta ma kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett u b'hekk illiberatu minn kull ħtija u piena dwaru.

**3.** Rat illi l-Qorti Kriminali wara li rat l-artikoli 2, 8(d)(e), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa)(bb)(3A), 24A u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u r-regoli 2, 8, 9 u 16 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi (G.N. 292/39), u l-artikoli 17(h), 20, 22, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali kkundannat lill-ħati Davide BONANNO għall-piena ta' tmintax (18) il-sena priġunerija, u għall-multa komplessiva ta' tmienja u tletin elf ewro (€38,000) li jekk ma titħallasx puntwalment tiġi konvertita f'terminu ulterjuri ta' tmintax (18) il-xahar priġunerija kif ukoll li jħallas is-somma ta' ħamest elef mitejn tlieta u erbgħin ewro u tliet ċenteżmi (€5243.03) import tal-ispejjeż tal-perizji li jekk ma jitħallsux fi żmien xahar, jkunu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skond il-liġi. Ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom saru r-reati u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli oħra tal-ħati. Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota - li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax il-jum - li d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, ordnat li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jiġu distrutti taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur tal-Qorti, li għandha tagħmel verbal ta' tali distruzzjoni u ġġibu a

konjizzjoni tal-Qorti b'nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati.

**4.** Rat ir-rikors ta'l-appell imressaq mill-akkużat Davide Bonanno fil-11 ta' Mejju 2023 li bih u għar-raġunijiet hemmhekk imsemmija talab lil din il-Qorti:

> i. Tbiddel u tħassar s-sentenza tal-Qorti Kriminali fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija ghall-Ewwel (Assoċjazzjoni għall-Bejgħ u Traffikar ta' Cannabis) u t-Tielet Kap (Pussess aggravat tad-droga Cannabis) billi tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-Kapi kollha ta' Akkuża kollha dedotti kontrih u konsegwentement tilliberah minnhom.
>
> ii. Subordinatament iżda bla preġudizzju għas-suespost tvarja u tbiddel is-sentenza billi tikkonfermaha in kwantu sabitu mhux ħati tat-Tieni Kap ta' Akkuża (Importazjoni ta' Cannabis Grass) u tilliberah mill-Ewwel Kap ta' Akkuża iżda issibu ħati biss tat-Tielet Kap ta' Akkuża.
>
> iii. Subordinatament u bla preġudizzju għas-suespost tagħti piena aktar xierqa tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ u d-deċiżjoni ta' din l-Onor. Qorti.

**5.** Rat ir-risposta imressqa mill-Avukat Generali fis-06 ta' Ġunju 2023 li permezz ta'l-istess issottometta illi l-Qorti għandha tiċħad l-aggravji kif miġjuba quddiemha mill-appellant Davide Bonanno fl-intier tiegħu, filwaqt li tikkonferma s-sejbien ta' ħtija skont il-verdett mogħti, kif ukoll tikkonferma l-piena kif imposta fuqu permezz tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali nhar il-21 ta' April 2023.

**6.** Rat l-atti kollha tal-kawża, inklużi l-atti kumpilatorji**.**

**7.** Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat,**

**8.** Illi l-ewwel aggravju ntentat mill-appellant jikkonċerna l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ġurija popolari li sabitu ħati tal-ewwel u it-tielet kapi tal-Att ta'l-Akkuża li fihom kien hemm imħaddna ir-reat tal-assoċjazzjoni ai fini ta' traffikar ta' droga u dak tal-pussess tad-droga Cannabis mhux għall-użu esklussiv tal-akkużat. Għalhekk isejjes dan l-aggravju fuq dak dispost fl-artikolu 501 tal-Kodiċi Kriminali meta, fil-fehma tiegħu, huwa ġie misjub ħati ħażin fuq il-fatti tal-kawża. Jikkontendi illi l-uniku prova li kienet torbot lill-appellant mad-droga importata kienet tinstab fil-fatt illi huwa kien il-persuna li rċieva il-konsenja ta' merkanzija li wara rriżulta li

kienet tikkontjeni id-droga. Jikkonsegwi għalhekk illi minn din il-prova unika, fil-fehma tal-appellant, ma setax ikun determinat illi huwa kien jifforma parti minn xi organiżazzjoni jew assoċjazzjoni kriminali mwaqqfa bil-għan li tinġieb id-droga f'Malta. Tant hu hekk, li ma kien hemm ebda prova li l-ordni ta' xi merkanzija minn Sqallija saret minnu billi jidher li din kienet saret minn terzi li baqgħu ma kenux rintraċċjati mill-pulizija. Jilmenta illi l-investigaturi dehrilhom li ma kellhomx jittieħdu passi kontra l-persuni l-oħra li kienu preżenti dak in-nhar meta saret il-konsenja u ċioe' ċertu Danilo D'Agristina u Salvatore L'Episcopo, kif lanqas dehrilhom li kellhom jittieħdu passi kontra t-trasportatur Anthony Schembri, u għalkemm Schembri ndika lil pulizija l-isem ta' stabbiliment u persuna li għamel l-ordni tal-merkanzija, dawn il-fatti baqgħu ma ġewx investigati, kif lanqas kienu investigati l-kuntatti telefoniċi li kienu qed isiru ma' Schembri minn terzi dwar il-konsenja tal-merkanzija, għalkemm in-numru tat-telefon kien jirriżulta lil pulizija li minnu kien qed isir il-kuntatt. Fil-fatt meta il-merkanzija waslet ġewwa l-indirizz indikat f' Tas-Sliema fejn kien qed jistennieha l-appellant, dan irrifjuta iħallas għaliha għax stqarr li din ma kenitx tappartjeni lilu, għalkemm iffirma għal konsenja tagħha. Għal dan il-fatt biss ġie arrestat minnufih. Illi fil-fehma tal-appellant il-konsenja tad-droga waħedha ma tista' qatt twassal sabiex ikun hemm sejbien ta' ħtija għar-reat ta'l-assoċjazzjoni u l-ġurati wasslu għal verdett tagħhom biss fuq assunzjonijiet u mhux fuq fatti ppruvati. Jisħaq illi huwa irċeva il-konsenja tal-merkanzija innoċentement injar mill-kontenut ta'l-istess. F'dan il-kwadru probatorju l-appellant, jisħaq fit-tieni aggravju minnu ntentat, illi fl-agħar ipoteżi, setgħet tirriżulta il-ħtija unikament għat-tielet kap tal-Att ta'l-Akkuża u ċioe' għal dak tal-pussess tad-droga mhux għall-użu esklussiv tiegħu. Finalment jilmenta illi l-piena erogata fil-konfront tiegħu kienet waħda ħarxa billi mill-provi jirriżulta illi l-involviment tal-appellant kien wieħed minimu. Illi l-appellant jidhirlu ukoll illi l-Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni il-fatt illi llum l-liġi regolanti l-użu tal-Cannabis għar-rikreazzjoni u pussess inbidel radikalment u għalhekk dan il-fattur kellu iwassal għal piena iktar miti.

**9**. Illi l-Avukat Ġenerali tilqa' għal dan l-aggravju meta tinsisti illi l-verdett tal-ġurati kien jirrispekkja l-fatti tal-każ kif emerġew mill-provi mismugħa waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u dan wara li kienu sewwa diretti mill-Imħallef sedenti l-ġuri

dwar il-mod kif kellha ssir l-evalwazzjoni tal-provi. Tisħaq illi hija fis-setgħa ta' din il-Qorti ta' reviżjoni tara biss jekk il-verdett milħuq, inkwadrat fil-provi prodotti, setax jkun leġittimament u raġjonevolment milħuq mill-ġurati fid-deliberazzjoni tagħhom. Dan għaliex din il-Qorti ma tistax tinvadi it-territorju li l-liġi tirriserva lil ġurati ħlief f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn dan il-verdett ikun wieħed manifestament żbaljat. L-appellant, tikkontendi l-Avukat Ġenerali, ma kienx fil-post fejn kienet ikkonsenjata d-droga b'kumbinazzjoni, u għalhekk ġie fil-pussess ta' kwantita' kbira ta' droga fejn allura huwa kellu, sal-grad tal-probabbli, juri illi ma kellux ix-xjenza meħtieġa fil-liġi, u li ma kienx jaf li l-merkanzija lilu kkonsenjata kienet tikonsisti fi droga. L-appellant ma jikkontestax il-fatt li kien hu li irċieva din il-merkanzija, u li hattha minn fuq il-vann u daħħalha fil-garaxx. Imbagħad mir-rapport tal-espert tat-telefonija jirriżulta illi kien sar iktar minn kuntatt wieħed kemm ma' ċertu Ettore, li l-appellant jikkontendi li dak in-nhar kien ltaqa' miegħu każwalment, kif ukoll ma' Anthony Schembri li kellu jikkonsenjalu d-droga. Finalment l-Avukat Ġenerali tisħaq illi kienu l-ġurati li kellhom l-opportunita' li jisimgħu lill-appellant jixhed waqt il-ġuri u allura kienu huma li setgħu jiżnu l-kredibbilita' tiegħu. Fuq kollox l-Avukat Ġenerali ma tikkondividx l-argument tad-difiża, kif rifless fit-tieni aggravju, illi fl-agħar ipoteżi kellha tinstab il-ħtija unikament għat-Tielet Kap billi il-provi kienu jindikaw illi kien hemm ftehim bejn l-appellant u terzi sabiex tkun importata u traffikata d-droga ġewwa Malta. Tikkontendi finalment illi l-piena erogata kienet waħda li taqa' fil-parametri tal-liġi u ma kenitx eċċessiva tenut kont li r-reat kien jitratta konsenja ta' mhux anqas minn ħamsa u għoxrin kilogramma *cannabis*.

**Ikkunsidrat:**

**10**. Illi qabel ma tidħol biex tissindika il-verdett milħuq mill-ġurati u jekk dan kienx wieħed fejn l-appellant kien misjub ħati ħażin fuq il-fatti tal-każ, kif hija fis-setgħa ta' din il-Qorti li tagħmel fit-termini tal-artikolu 501(1) tal-Kodiċi Kriminali[1], il-Qorti hija tal-fehma illi għandu jkun iddelinjat dak li rriżulta fil-kors tal-ġuri:

---

[1] (1) Fuq kull appell kontra dikjarazzjoni ta' ħtija mill-persuna misjuba ħatja l-Qorti tal-Appell Kriminali għandha tilqa' l-appell - (a) jekk jidhrilha li l-appellant kien ġie misjub ħati ħażin fuq il-fatti tal-kawża;

i. Il-Pulizija tirċievi informazzjoni li f'*trailer* li wasal minn Sqallija mad-ditta tat-trasport *Agritrans Logistics Limited*, kemm konsenja ta' droga. Minn investigazzjoni li ssir f'dan il-*trailer*, fil-fatt, jinstab *pellet* b'merkanzija li moħbija taħt xi karti ta' *tissues* hemm 25 kilogramma droga *cannabis*.

ii. Il-Pulizija tottenji il-permess mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex issir konsenja kontrollata bl-għajnuna ta' ċertu Anthony Schembri, it-trasportatur li jmexxi is-soċjeta tal-*Agritrans*, li jiġi mogħti istruzzjonijiet minn persuna ta' nazzjonalita' taljana li ċċempillu minn fuq in-numru 99586745 u tindikalu li din il-merkanzija għandha tkun ikkonsenjata ġewwa indirizz f' Tas-Sliema, Triq Mattew Pulis, li jirriżulta li hu sit li għadu taħt kostruzzjoni.

iii. Il-merkanzija hija indirizzata lil certu Giovanni Musumeci, bit-trasportatur jindika illi din il-merkazija kienet ntbagħtet minn Sqallija minn għand wieħed kunjomu Di Mauro li spiss jutiliżża is-servizzi tiegħu biex jibgħat xogħol ta' merċe ġewwa Malta. Fuq il-merkanzija ma jkunx hemm indikat indirizz ta' konsenja, iżda, kif ingħad, mal-wasla tal-merkanzija ġewwa Malta, Schembri jigi kkuntatjat minn żewġ numri ta' ċellulari u ċioe' 99586745 u 77730656 li huma reġistrati fuq iċ-ċellulari ta' Schembri bħala CROWN u CROWN Buġibba rispettivament, u jkun in-numru 99586745 li jindika lil Schembri l-indirizz fejn trid issir il-konsenja. Schembri jindika illi l-istabbiliment ta' CROWN li jinsab ġewwa Buġibba huwa klijent tiegħu regolari, iżda dan il-*pellet* ma kienx għal dan il-klijent iżda għal xi ħabib tiegħu li talbu pjaċir iwassallu din il-merċe ġewwa Malta.

iv. Meta tasal il-konsenja ġewwa l-indirizz indikat f' Tas-Sliema, jistenna il-wasla tagħha hemm l-appellant Davide Bonanno, li jindika li din trid tiddaħħal ġewwa garaxx li hu fi stat ta' ġebel u saqaf f'proprjeta' li għadha taħt kostruzzjoni u jiffirma għal din il-konsenja.

v. Igħinuh biex idaħħal din il-merkanzija fil-garaxx hemm żewġ persuni ta' nazzjonalita Taljana li dak in-nhar kienu impjegati fix-xogħol ta' kostruzzjoni li kien qed isir fis-sit, ċertu Danilo D'Agristina u Salvatore L'Episcopo. Dawn igħinu lill-appellant idaħħal din il-konsenja ġewwa il-garaxx indikat minnu.

vi. Dawn iż-żewġ persuni ta' nazzjonalita taljana jindikaw illi huma kienu qed jaħdmu fuq dan is-sit għal ċertu Mariano Guerrera, iżda jindikaw ukoll lil ċertu Ettore bħala persuna li kien jagħmel xi xogħol għal dan Guerrera fuq is-sit, għalkemm ma kienx impjegat miegħu. Dan Ettore kien jagħmel xi xogħol ta' *plumbing* u tal-elettriku fis-sit. Jindikaw illi fil-jiem preċedenti għal din il-konsenja ġieli raw lil dan Ettore fuq il-post. Meta jaraw lill-appellant fuq is-sit jistenna din il-konsenja jistaqsuh min hu, u hu jindikalhom li jaħdem ma' dan Ettore.

vii. Fuq iċ-ċellulari ta'l-appellant hemm irreġistrat bħala wieħed mill-kuntatti tiegħu dan Ettore, u ukoll mill-*call log* estratt minn dan iċ-ċellulari mill-espert Martin Bajada jirriżulta illi l-appellant kien għamel kuntatt ma' dan Ettore fil-jiem preċedenti il-konsenja, kif ukoll dak in-nhar tal-1 ta' Ottubru 2018, l-appellant ircieva diversi telefonati minn għand Ettore, kif ukoll min-numru 99589745 f'dan il-jum.

viii. L-appellant, Danilo D'Agristina u Salvatore L'Episcopo jiġu arrestati mill-pulizija, iżda D'Agristina u L'Episcopo jindikaw illi huma ma kellhom ebda involviment għaliex għenu lill-appellant biss fuq talba tiegħu dak il-ħin li waslet il-konsenja, u għalhekk il-pulizija jirrilaxxawhom billi ma hemmx biżżejjed provi biex huma jkunu implikati f'din l-importazzjoni ta' droga.

Fuq dawn il-fatti probatorji l-appellant jkun misjub ħati mill-gurija b'sitt voti favur u tlieta kontra tar-reat ta'l-assoċjazzjoni ai fini ta' traffikar ta' droga u tar-reat tal-pussess tad-droga *cannabis* f'ċirkostanzi li jindikaw li din ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.

**A. <u>Ir-reat ta'l-assocjazzjoni:</u>**

**11.** Issa skond l-artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ikun hati ta' reat kull min:

> **"jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni."**

**12.** U skont l-artikolu 22(1A):

**"L-assoċjazzjoni ta' persuni msemmija fil-paragrafi (d) u (f) tas-subartikolu preċedenti teżisti malli jiġu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni għandhom jimxu."**

**13.** Skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati, l-elementi kostituttivi tar-reat ta' assocjazzjoni kontemplat fil-Kapitolu 101 huma essenzjalment erbgħa u senjatament:

**"1. iz-zmien li fih ikun sar ir-reat;**

**2. li jkun hemm mill-inqas persuna ohra, kienet minn kienet f' Malta jew barra minn Malta, li tkun involuta;**

**3. sabiex tigi traffikata d-droga; u**

**4. li jkun hemm il-ftehim dwar il-mod kif din id-droga ser tigi traffikata.**

**It-traffikar ghandu definizzjoni wiesgha u din tinkludi mhux tfisser kwalsiasi movement ta' droga minn id ghal id kemm versu korrispettiv kif ukoll b' mod gratuwitu.[2]"**

**14.** L-appellant jargumenta illi mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni dawn l-elementi ta' dritt ma kenux jirriżultaw, u ċioe' illi fid-data indikata fl-Att ta'l-Akkuża, fil-jum tal-1 ta' Ottubru 2018 u/jew fil-granet jew il-ġimgħat ta' qabel din id-data, kien seħħ xi ftehim bejnu u terzi persuni jew persuna sabiex tkun importata u ttraffikata d-droga ġewwa Malta. Jikkontendi illi la hemm prova dwar il-ftehim u allura wisq anqas dwar l-*modus operandi* ta' dina l-allegata assoċjazzjoni kriminuża, id-data meta dan l-allegat ftehim seħħ u min kienu il-persuni involuti fl-istess, bil-pulizija tonqos milli tinvestiga lil terzi persuni li setgħu kienu mplikati f'din l-allegata konġura kriminali.

**15.** Illi dawn il-każijiet li jitrattaw l-assoċjazzjoni fir-reat ta'l-importazzjoni u traffikar tad-droga spiss jippreżentaw ċertu diffikulta' lill-Prosekuzzjoni sabiex jissostanzjaw dina l-akkuża billi l-att materjal konsistenti fil-ftehim, bejn tnejn jew aktar minn nies, jippreżenta ruħu ħafna drabi f'forma astratta b'dan illi min jkun ħa l-briga li jassoċja ruħu ma' terza persuna għal fini biex tiġi traffikata d-droga ser jara illi

[2] Ir-Repubblika ta' Malta vs Simon Xuereb – deciza Qorti Kriminali – 05/01/2004

ma jħallix traċċi warajh li b'xi mod jindikaw l-esistenza ta' tali ftehim. Illi l-qrati taghna spiss gew rinfaċċjati b'tali diffikulta' kif joħroġ ċar mill-ġurisprudenza in materja.

**16.** Illi is-sentenza li dahlet *funditus* fl-elementi tar-reat ta'l-assoċjazzjoni hija **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Ellul**[3], fejn din il-Qorti, kif diversament komposta, ikkowtat awturi u ġurisprudenza meta saħħqet illi l-prova tal-ftehim tista' tirriżulta minn inferenzi li joħorġu mill-attivita' kriminali li ssegwi dan il-patt kriminuż. Iżda mhux biss, għaliex jistgħu jippreżentaw rwieħhom każijiet fejn dak pattwit ma jkunx ġie attwat għal xi raġuni kemm indipendenti mill-volonta' tal-malviventi, kif ukoll għal motivi oħra li jistgħu iwassluhom biex jiddesistu mill-agir kriminali b'mod volontarju. F' dawn il-każijiet ir-reat ta'l-assoċjazzjoni xorta waħda jissussisti bl-att materjali allura jkun il-ftehim milħuq bejn tnejn jew aktar:

> **"F'Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003 naqraw:**
>
> **"The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself: Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317; R. v. Warburton (1870) L.R. 1 C.C.R. 274; R. v. Tibbits and Windust [1902] 1 K.B. 77 at 89; R. v. Meyrick and Ribuffi, 21 Cr.App.R. 94, CCA. Nothing need be done in pursuit of the agreement: O'Connell v. R. (1844) 5 St.Tr.(N.S.) 1."**
>
> **"The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it: R. v. Parsons (1763) 1 W.Bl. 392; R. v. Murphy (1837) 8 C. & P. 297. Proof of the existence of a conspiracy is generally a "matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them": R. v. Brisac (1803) 4 East 164 at 171, cited with approval in Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317."**

**17.** Illi mbagħad fid-deċiżjoni '**The Republic of Malta vs Steven Jon Louis Marsden**[4], din il-Qorti, diversament komposta, kompliet tamplifika fuq il-grad tal-prova meħtieġa sabiex jissussisti r-reat ta'l-assoċjazzjoni fit-termini ta'l-Artiklu 22(1)(f) Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta meta qalet hekk:**-**

[3] Deciza 17/05/2005 App.Sup.

[4] Deciza 02/11/2009

**"In the Godfrey Ellul case this Court had not stated that this is the position under Maltese law. However, it is in agreement with what is stated therein as it is quite clear from the said quotation that evidence of a conspiracy is not necessarily or only derived by inferring it from criminal acts of the parties involved. Indeed, a conspiracy may exist even though there is no subsequent criminal activity, that is to say even though the agreement to deal in any manner in a controlled substance is not followed by some commencement of execution of the activity agreed upon. In such circumstances it is obvious that no inference can be drawn from criminal acts because there are no criminal acts subsequent to the conspiracy itself. Indeed the quotation from Archbold clearly states that a conspiracy may also be proved "in the usual way" – so by means of direct evidence and/or circumstantial evidence which must be univocal, that is to say, that cannot but be interpreted as pointing towards the existence of a conspiracy. ….**

**As one finds stated in the 2008 Edition of Blackstone's Criminal Practice:**

**"There are no special evidential rules peculiar to conspiracy. In Murphy (1837) C C & P 297, proof of conspiracy was said to be generally 'a matter of inference deduced from certain criminal acts of the parties accused', but there is no actual need for any such acts, and conspiracies may also be proved, inter alia, by direct testimony, secret recordings or confessions…".**

**This appears to be also the position in Scots law. Professor Gerald Gordon, in his standard text The Criminal Law of Scotland makes reference to the dictum of Lord Avonside in Milnes and Others (Glasgow High Court, January 1971, unreported) to the effect that "you can have a criminal conspiracy even if nothing is done to further it", adding that, indeed, this is the very essence of conspiracy."**

**18.** Illi eżaminati l-atti u x-xhieda, din il-Qorti allura trid tara jekk il-ġurati setgħux legalment u raġjonevolment jaslu sabiex jistabbilixxu, kemm mill-provi diretti kif ukoll dawk ċirkostanzjali, illi kien jeżisti xi ftehim bejn l-appellant u terza persuna jew persuni sabiex tiġi importata u ittraffikata d-droga ġewwa Malta.

**19.** Illi minn eżami ta'l-atti processwali jirriżulta illi l-persuni ndikati mill-Prosekuzzjoni bħala dawk allegatament assoċjati mal-appellant f'dan l-event kriminuż, kienu certu Ettore, liema persuna baqgħet ma kenitx rintraċċata, għalkemm jirriżulta illi kien sar kuntatt bejnu u bejn l-appellant preċedentement għall-arrest tiegħu, u ċertu Giovanni Musumeci li lilu kienet indirizzata l-merkanzija u li għalkemm ġie stabbilit mill-pulizija illi dan il-bniedem fil-fatt jeżisti, madanakollu anke hawnhekk ma irnexxielhomx jirrintraċċawh. Dan għalkemm l-investigaturi irnexxielhom jidentifikaw lil dan Ettore anke permezz ta' ritratt muri lil D'Agristina u

lil L'Episcopo u kellhom ukoll in-numru taċ-ċellulari tiegħu estratt miċ-ċellulari tal-appellant. Ukoll għalkemm l-iSpettur Jonathan Cassar jindika illi meta l-investigaturi investigaw il-kontenut taċ-ċellulari tal-appellant sabu konversazzjoni, ossija, *chat* bejn l-appellant u Musumeci, madanakollu meta imbagħad l-espert Dr. Martin Bajada jippreżenta ir-relazzjoni tiegħu kontenenti l-estrazzjoni magħmula minn dan iċ-ċellulari, din il-konversazzjoni ma tinstabx, bil-Prosekuzjoni tonqos milli tressaq lir-rappreżentant tal-provdituri tas-servizz sabiex jippreżentaw il-*call profile* ta' dan iċ-ċellulari.

**20.** Illi dan magħdud, madanakollu, xortawaħda, fil-fehma tal-Qorti kien hemm biżżejjed provi sabiex il-ġurati setgħu legalment u raġjonevolment jikkonkludu illi sabiex l-appellant ġie fil-pussess tal-25 kilo tad-droga *cannabis*, kien hemm ftehim pre-ordinat bejnu u terzi sabiex din id-droga tasal fid-destinazzjoni finali tagħha. Ibda biex huwa indubitat illi kien l-appellant u ħadd iżjed il-persuna li fil-jum indikat fl-akkuża kien qed jistenna il-wasla ta' din il-konsenja droga. Illi dak li jikkontendi l-appellant fix-xiehda tiegħu illi huwa kien injar mill-kontenut ta' dan il-*pellet* merkanijza hija għal kollox inverosimili u dan għaliex mhux biss hemm provi ċirkostanzjali li jindikaw illi bejnu u bejn Ettore kunjomu mhux magħruf, kien hemm kuntatt regolari, saħansitra lejliet il-konsenja, kif ukoll dak in-nhar stess li saret il-konsenja, iżda, u fuq kollox, fl-istess jum sar kuntatt telefoniku maċ-ċellulari tal-appellant min-numru MSISDN 99586745, li huwa l-istess numru li kkomunika ma' Anthony Schembri sabiex jindikalu illi l-konsenja kellha issir fl-indirizz ta' Triq Mattew Pulis gewwa tas-Sliema[5]. Abbinat ma' dawn il-fatti probatorji, imbagħad, hemm ix-xiehda ta' Danilo D'Agristina u Salvatore L'Episcopo li t-tnejn jikkonfermaw illi dan Ettore kien midħla sew tal-post tant illi kien ikun hemm regolarment, jagħmel xi xogħol ta' *plumbing* fis-sit għall-imgħallem tagħhom ċertu Guerrera, tant illi kienu rawh ukoll fuq il-post lejliet id-data meta seħħ l-event kriminuża meta staqsiehom jekk kenitx waslet xi konsenja merkanzija għalih.

[5] Ara xiehda ta' Anthony Schembri u ukoll rapport ta' Dr. Martin Bajada fol-482 tal-atti kumpilatorji.

**21**. Illi, imbagħad, din il-Qorti minghajr tlaqliq tqis illi x-xiehda ta' l-appellant hija waħda għal kollox inverosimili. L-appellant jikkontendi illi huwa dak in-nhar tas-sinistru kien iltaqa' b'kumbinazzjoni ma' Ettore ħdejn il-kafetterija bl-isem *Dolce Sicilia* f'Tas-Sliema, li talbu jakkompanjah fis-sit fejn kien qed jaħdem għaliex kien qed jistenna xi konsenja xogħol. Kif waslu fuq is-sit talbu biex jagħmillu pjaċir u jistenna vann li kien ġej bix-xogħol sakemm imur iġib il-kafe'. L-appellant igħid li wara li Ettore kien illarga minn fuq il-post ra il-vann ġej u għamillu sinjal u il-vann waqaf u niżżel il-*pellet* bil-merkanzija bl-għajnuna ta' xi rġiel ta' nazzjonalita taljana li kienu fuq is-sit qed jaħdmu, injar mill-kontenut ta' din il-merkanzija. Fil-fatt huwa jisħaq illi kien mingħalih li dan kellu xi materjal marbut max-xogħol ta' *plumbing* li kien jagħmel dan Ettore, tant illi meta kien mitlub il-ħlas, huwa wieġeb li dan ix-xogħol ma kienx jappartjeni lilu.

**22**. Illi x-xiehda tal-appellant fiha ħafna inkonsistenzi u diskrepanzi mal-kumplament tal-provi li hemm fl-atti. Jindika fl-ewwel lok illi hekk kif lemaħ il-vann huwa għamillu sinjal wieħed u dan waqaf. Illi kemm Anthony Schembri kif ukoll PC1494 li kienu qed jagħmlu il-*controlled delivery* igħidu illi huma ma waqfux immedjatament kif lemħu lill-appellant. Iżda ħallewh ixejrilhom, baqgħu isuqu, reggħu daru u hu reġa' għamlilhom is-sinjal biex jieqfu u dan biex ikunu ċerti li d-destinatarju tal-merkanzija kien proprju din il-persuna. L-appellant ukoll jiċħad li ffirma id-*delivery note* li hija ippreżentata fl-atti bħala Dokument FT1, u l-kopja tal-imsemmija *delivery note* li ingħata lilu FT2, meta kemm ix-xhud Anthony Schembri kif ukoll PC1494 jikkonfermaw illi dan iffirma d-*delivery note* quddiemhom u li ngħata il-kopja, karta roża eżebita bħala Dokument FT2, liema dokument imbagħad kien elevat mill-pulizija minn fuq il-persuna tal-appellant wara l-arrest tiegħu. Illi allura huwa inverosimili dak li jikkontendi l-appellant li huwa ffirma karta oħra, iżda mhux dik ippreżentata fl-atti. Il-firma li għamel l-appellant fuq dan id-dokument hija waħda imħarbxa u ma tixxiebah xejn mal-firma proprju tiegħu. Mhux biss, iżda kif kienu qed javviċinaw il-lok indikat lilhom, fejn innutaw lill-appellant qed jistenna din il-konsenja, tant illi xejjer lil Schembri għall-iktar minn darba u pprova jattiralhom l-attenzjoni, meta waqqfu miegħu fit-triq, PC1494 staqsieh jekk kenux fl-indirizz, 24, Triq Mattew Pulis u jekk kienx Giovanni Musumeci, u hu weġibhom bil-kliem "*si, si*"

imbagħad qalilhom il-kliem bil-lingwa taljana – *"vi stavo aspettando"*, tant illi sa dak il-mument PC1494 kien minghalih li l-persuna li kien qed ikellem kien Musumeci u mhux l-appellant. Illi ukoll PC1494 jikkontendi illi meta l-appellant kien mitlub il-ħlas minn Schembri huwa weġibhom li ma kellux flus fuqu, u mhux kif jallega l-appellant illi dik il-merkanzija ma kenitx tappartjeni lilu. Mhux biss, iżda fuq diversi mistoqsijiet magħmula mill-ġurati stess dwar il-ħbiberija jew konoxxenza li kellu ma' Ettore, huwa ma igħidx il-verita' meta jikkontendi illi kien ilu ma jkellem lil Ettore għal diversi xhur, meta fiċ-ċellulari tiegħu jirriżulta kuntatt regolari miegħu saħansitra sa lejliet l-1 ta' Ottubru 2018, kif ukoll fl-istess ġurnata ta'l-1 ta' Ottubru, meta l-appellant jikkontendi, fix-xiehda tiegħu, illi huwa ltaqa' ma' dan Ettore f'dik l-għodwa b'kumbinazzjoni. Kif lanqas ma jagħti spjegazzjoni, meta mistoqsi, dwar il-kuntatt telefoniku li sar min-numru 99586745 lin-numru tiegħu dak in-nhar stess ta'l-1 ta' Ottubru 2018. Dan ifisser illi l-Qorti, bħall-ġurati qabilha li kellhom ix-xorti josservaw lill-appellant fuq il-pedana tax-xhieda, ma tistax tagħti affidament lil verżjoni tal-fatti mogħtija minnu.

**23.** Illi l-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-appellant meta fl-aggravju tiegħu jikkritika il-verdett tal-ġurati għaliex fil-fehma tiegħu dawn ibbażaw id-dikjarazzjoni ta' ħtija fuq il-fatt illi dawn straħu unikament fuq assunzjonijiet. Dan għaliex:

> **"….. as Timothy Jones and Michael Christie point out in the second edition of Criminal Law: "Proof of the agreement essential to a criminal conspiracy will generally be inferential. Sometimes overt acts will have been committed by some or all of the accused, but this will not always be the case. But even if there have been some such overt acts, the existence of *mens rea*, in the form of an agreement and commitment to the criminal purpose of the conspiracy, will have to be proved by inference. For example, if a group of men is apprehended wearing masks and carrying weapons while sitting in a car outside a bank, there is a clear inference to be drawn that there is an agreement to rob the bank. The group is unlikely to be there for any other purpose.**
>
> **"Lord Justice-Clerk Grant pointed out to the jury in H.M. Advocate v. Wilson, Latta and Rooney (1968): *"You won't often get eye-witnesses of the agreement being made or eavesdroppers who actually hear it being made. Accordingly, in many cases it is a question of judging from the acts of the alleged conspirators whether in fact there was a conspiracy between them in pursuance of which they are acting."***

> **"The evidence derived from such decisional process will not always be as unambiguous as the example in the previous paragraph. An individual who may appear at an early stage of the 'conspiracy' to be involved might not be firmly committed. This problem is raised in a crucial form by the absence of any requirement of proximity such as is to be found in the law of attempt."**

**24.** Illi l-gurati kienu ggwidati mill-Imħallef fl-indirizz finali qabel waslu ghal verdett ta' htija, bl-appellant ma jressaq ebda aggravju marbut ma' l-istess. Illi din il-Qorti, kif inghad, ma tista' ssib l-ebda mottiv li jista' jwassalha titbiegħed minn dan il-verdett u dan għaliex għalkemm ma hemmx prova diretta dwar l-esistenza ta' dan il-ftehim u dan bix-xiehda tan-nies li kienu direttament involuti, madanakollu l-mod kif imxiet l-operazzjoni, fid-dawl tax-xiehda inverosimili tal-appellant, ma jistax hlief iwassal għal konkluzjoni waħda. Ma setax, fiċ-ċirkostanzi ppreżentati quddiem il-ġurati, jirriżulta illi l-appellant kien għal kollox injar minn dak li kien qed iseħħ f'din il-konġura kriminali. Illi l-ispjegazzjoni li jaghti l-appellant ta' dawn il-provi ċirkostanzjali, li jippuntaw fid-direzzjoni tar-reita', ma humiex b'saħħithom biżżejjed u dan sal-grad meħtieġ minnu fil-kamp penali sabiex ixejjnu l-univoċita' tagħhom.

**25.** Maghmula dawn il-kostatazzjonijiet allura, ma hemmx dubbju illi l-elementi ta' dritt marbuta mar-reat ta'l-assocjazzjoni tad-droga jirriżultaw kollha ippruvati. Ibda biex id-data indikata fl-akkuża hija wahda korretta billi huwa ndubitat illi l-operazzjoni kollha sabiex tiġi importata d-droga gewwa Malta seħħet proprju fil-jiem li ipprecedew dan il-jum u dan meta il-*pellet* twassal fi Sqallija ġewwa l-post minn fejn Schembri kellu jiġborha biex jittrasportaha ġewwa Malta. Huwa ndubitat ukoll illi mill-*modus operandi* ta' kif tmexxiet dina l-operazzjoni, l-appellant ma setax organizzaha waħdu. Bil-fors illi dan seħħ bl-għajnuna ta' terzi, bil-figura tal-appellant titfaċċja fl-aħħar tal-katina ta' din l-operazzjoni kriminuża. Issa għalkemm huwa minnu li l-investigazzjoni tal-pulizija waqfgħet ferm 'il bogħod milli jkunu identifikati l-persuni l-oħra involuti f'din il-konġura kriminali, madanakollu l-liġi ma tispeċifikax illi l-persuni li magħhom isir il-ftehim għandhom jkunu identifikati. Huwa biżżejjed illi jiġi ippruvat illi kien hemm ftehim fuq saqajh fejn fih hemm imfassal pjan ta' azzjoni, u li fih l-appellant kien involut. Dan, kif inghad, jista' jiġi inferit mill-mod kif

mexa l-appellant. Illi fl-ewwel lok ġie stabbilit li kien hemm komunika kemm ma' Ettore kif ukoll man-numru li kkuntattja lit-trasportatur li kien ser jagħmel il-konsenja. Huwa ippruvat ukoll illi meta kien avviċinat l-appellant, huwa indika li kien qed jistenna din il-konsenja u kien jaf bl-informazzjoni marbuta mal-istess u ċioe' illi l-konsenja kellha issir fl-indirizz ġewwa Triq Mattew Pulis u li kien jaf illi din kienet indirizzata lil Musumeci. Meta imbagħad tinħatt il-merkanzija minn fuq il-vann, l-appellant jitlob l-għajnuna ta' L'Episcopo u D'Agristina, l-ħaddiema l-oħra taljani li kienu fuq is-sit, sabiex igħinuh idaħħal il-pellet ġewwa l-garaxx. U allura huwa għal kollox inverosimili dak li jikkontendi l-appellant illi huwa kien hemm b'kumbinazzjoni u għaliex talbu Ettore jistenna vann ġej b'konsenja merkanzija, meta kien hu li kien qed jindika li kien qed jistenna din il-konsenja u kien jaf ukoll fejn kellha tiddaħħal u tkun miżmuma. L-appellant ma jirnexxielux sal-grad tal-probabbli jxejjen din l-evidenza bix-xiehda tiegħu, u ċioe' li hu kien wieħed mill-katina fil-konġura kriminali ntiża biex tiġi importata d-droga ġewwa Malta ai fini ta' traffikar.

Illi allura din il-Qorti għal dawn il-mottivi kollha tqis illi l-verdett milħuq mill-gurati marbut ma' dina l-akkuza jisthoqqlu li jkun ikkonfermat.

**B. <u>Ir-reat tal-pussess ta' droga f'ċirkostanzi li jindikaw li din ma hijiex għall-użu esklussiv tal-persuna akkużata.</u>**

**26**. Illi għalkemm l-appellant fl-ewwel aggravju minnu ntentat jikkontesta is-sejbien ta' ħtija tiegħu *in toto*, madanakollu fit-tieni aggravju tiegħu imbagħad donnu jikkonċedi illi fl-agħar ipoteżi l-ġurati kellhom biżżejjed provi quddiemha li seta' iwassalhom għal sejbien ta' ħtija għal dan ir-reat u mhux għal dak tal-assoċjazzjoni.

**27.** Issa sabiex tirriżulta kundanna għar-reat tal-pussess aggravat ta' droga il-Prosekuzzjoni trid neċessarjament tipprova, u dan lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, zewġ fatturi:

i. Illi l-persuna akkużata kellha x-xjenza dwar l-esistenza tad-droga.
ii. Illi l-persuna akkużata setghet teżerċita l-kontroll fuq dik id-droga.

**28.** Issa meta jkun hemm persuna jew persuni oħra li jkunu fil-viċinanzi ta' dik id-droga, allura l-Prosekuzzjoni trid tressaq provi li jindikaw illi kien l-akkużat biss li seta` jiddisponi minn dik id-droga u jeżerċita kontroll fuqha. Illi mill-esposizzjoni magħmula tal-fatti tal-każ huwa indubitat illi kien l-appellant f'dak il-ħin, meta waslet il-konsenja tad-droga fuq il-post, l-unika persuna li kellha kontroll sħiħ fuq dik il-konsenja tant illi kien qed jistenna l-wasla ta'l-istess, kif indikat lil PC1494 u anke kien hu li talab lin-nies igħinuh biex iħottha minn fuq il-vann sabiex tiddaħħal fil-garaxx minnu stess indikat. Magħdud ma' dan, imbagħad, il-kwantita kbira ta' droga interċettata hija indikattiva li din ma kenitx intiża għall-użu esklussiv tal-appellant. Kwindi anke din l-akkuża tirriżulta ippruvata u l-Qorti ma tarax illi l-ġurati ben iggwidati mill-Imħallef fl-indirizz tiegħu waslu għal xi verdett ta' ħtija b'mod erronju. Għal dawn il-motivi anke dan l-aggravju qed ikun miċħud.

C. **Il-piena**

**29.** Fl-aħħar aggravju tiegħu l-appellant jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wisq ħarxa u dan għaliex fil-fehma tiegħu l-provi kienu jindikaw illi r-rwol li kellu f'din il-konġura kriminali kien wieħed minimu ħafna. Iqis ukoll illi llum li l-użu personali tal-*cannabis* ġie dekriminiliżżat, il-leġislatur qed iħares lejn il-pussess ta' din id-droga taħt lenti inqas ħarxa. Dan apparti il-verdett ta' ħtija li ma kienx wieħed unanimu jew viċin l-unanimita'.

**30.** Issa kif dejjem kien ritenut kostantement mill-qrati tagħna:

> **"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena[6]."**

**31.** Illi huwa ndubitat illi l-piena inflitta fuq l-appellant ta' tmintax-il sena priġunerija u multa ta' €38,000 taqa' sewwasew fil-parametri tal-liġi, iktar u iktar meta

[6](Ara wkoll "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard" [20.3.2009] App. Krim. Superjuri)".

l-piena għar-reati lilu addebitati hija waħda ferm oneruża tal-għomor. Dwar dan ma jidhirx illi hemm xi ilment mill-appellant.

**32**. Illi awturi fosthom il-Beccaria jargumentaw illi l-pieni għandhom ikunu proporzjonali għas-severita' tar-reat, u dan meta jitkejjel mal-ħsara li tbati s-soċjeta b'konsegwenza tal-kummissjoni ta'l-istess. Huwa errat għalhekk l-appellant jargumenta illi l-ammont tal-piena għandu jkun evalwat biss mill-ottika tal-ħati li fl-aħħar mill-aħħar ikun ser jiskonta dik il-piena f'dan il-każ, bil-ħsara li setgħet tirriżulta kien wieħed elevat tenut kont tal-kwantita' kbira tad-droga li instabet fil-pussess tiegħu, kif tajjeb tisħaq il-Qorti Kriminali.

**33**. Illi l-Qorti Kriminali evalwat kemm l-argumenti tad-Difiża kif ukoll tal-Prosekuzzjoni, qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż dawk l-argumenti sollevati fl-aggravju tal-appellant, fosthom ir-riformi li saru fil-liġijiet tad-droga reċentement, u tqies illi ma hemm ebda raġuni 'ġdida' li jressaq l-appellant li tista' twassal lil din il-Qorti titbiegħed mill-fehma konsiderata milħuqa mill-Qorti Kriminali meta din ġiet biex tikkalibra l-piena.

**34**. Illi min hu msejjaħ biex jiġġudika ma għandux iħares biss l-interessi tal-persuna kkundannata iżda għandu jara illi jitħarsu l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat, u tas-soċjeta` in ġenerali, billi tingħata dik il-piena li għandha isservi bħala kastig għal min jikkometti r-reat, li tara li twassal għat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati oħra simili, li tista' twassal għar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-ħati, li tagħti il-ħarsien meħtieġa lil pubbliku u li l-ħati jagħmel reparazzjoni għal ħazin li jkun għamel. Il-Qorti trid tqies mhux biss jekk il-piena erogata fil-konfront tal-appellant u li għaliha kien ikkundannat, hijiex waħda ħarxa fil-konfront tiegħu u cioe' tal-figura tal-ħati, iżda jekk l-istess hijiex eċċessiva *vis-à-vis* ir-reati li dwarhom huwa gie ikkundannat, u ċioe' ir-reati tal-assoċjazzjoni u dik tal-pussess aggravat ta' 25 kilo droga tal-*cannabis.* Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, għall-motivi hawn fuq miġjuba kif ukoll għall-istess motivi indikati mill-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha, il-piena erogata fil-konfront tal-appellant hija waħda li tagħmel ġustizzja kemm fil-konfront tiegħu u tar-reati gravi minnu kommessi, iżda fuq kollox tagħmel ġustizzja mas-soċjeta in ġenerali li

għandha tkun mħarsa minn kwalunkwe aġir kriminali, b'mod speċjali minn dak l-aġir devjanti ta' ċertu gravita' li jista' iwassal għal ħsara wiesgħa u mifruxa.

**Għal dawn il-motivi kollha l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi ż-żmien sabiex jitħallsu l-ispejjeż peritali u sabiex l-Avukat Ġenerali jindika permezz ta' nota jekk id-droga esebita hijiex meħtieġa in konnessjoni ma'proċeduri kriminali kontra terzi jibda jiddekorri millum.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti**